MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2006

Appell Civili Numru. 6/2006

**Gasan Mamo Insurance Limited plc kif surrogat fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Emanuel Darmanin u l-istess Emanuel Darmanin**

**vs**

**Naomi Grima Enriquez**

**Il-Qorti,**

Fl-24 ta' April, 2006, l-Arbitru fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

"Nomina

Illi l-esponent gie informat li gie nominat bhala arbitru in konnessjoni ma' habta stradali bejn il-karozzi LCA 823 u MAR 247 li gara fid-9 ta' Lulju 2004.

Illi sabiex jesplika l-inkarigu lilu moghti l-esponent kiteb lil partijiet u l-assikurazzjoni taghhom u zamm zewg seduti fejn sema' diversi xhieda.

Xhieda

Illi l-esponent ikkunsidra li Mario Darmanin li kien qed isuq il-vettura MAR 247 irraporta lil wardens ezatt wara l-habta:

"Hrigt minn triq il-Mensija ghal go triq Pelikan u hbatna flimkien"

Naomi Grima Enriquez ezatt wara l-habta qalet:

"hrigt minn triq is-Santwarju biex indur mar-roundabout biex nidhol go triq is-Santwarju u rajt dawl ge f' daqqa u dahal go fiha".

Fix-xhieda tieghu Mario Darmanin qal li meta gie vicin ir-roundabout naqqas l-ispeed tieghu, hares lejn il-lemin, ivverifika mar-roundabout u meta ra li kien "safe" kompla jipprocedi u sab l-karozza l-ohra li giet fuq ix-xellug tieghu. Mistoqsi in kontro-ezami dwar l-ispeed tieghu Darmanin qal li ma jiftakarx l-ispeed.

Naomi Grima Enriquez qalet li kienet gejja minn triq is-Stefanotis u waqfet fuq l-istop, verfikat li ma kienx hemm karozzi fuq iz-zewg nahat u harget imbaghad f' daqqa wahda sar l-impatt. Darmanin gie minn Mensija Road u cioe minn fuq il-lemin taghha. Mis-stop sign sa fejn gara l-habta mxiet tul ta' karozza u nofs.

Andrea Lentini kkonferma l-versjoni ta' Naomi Grima Enriquez. Hu kien maghha fil-karozza.

Konsiderazzjonijiet ta' l-arbitru:

Darmanin jissottometti li Grima Enriquez kienet risponsabbli ghaliex kellha taghti precedenza lil karozzi fuq il-lemin taghha u bil-lejn setghet indunat bil-karozza ta' Darmanin qabel.

Grima Enriquez tissottometti li l-incident gara minhabba l-ispeed ta’ Darmanin.

Illi hemm diversi sentenzi li jikkunsidraw il-kwistjoni ta’ velocita eccessiva. Illi fil-kawza Mamo vs. Doublesin (PA - 9/4/1963) gie dikjarat: “l-ispeed eccessiv ta’ sewwieq jista’ jkun fattur ghal responsabilta’ kontributorja meta l-htija pincipali ta’ kollizjoni tkun tas-sewwieq l-iehor li jkun hareg fi cross roads kontra r-“right of way”. Partikolarment l-ispeed eccessiv jista’ jittiehed in konsiderazzjoni meta dan ikun irrizulta fi hsara akbar fil-karozzi nvoluti fl-incident”.

Minn naha l-ohra fil-kawza Cachia vs. Conti (Qorti Civili, Prim' Awla, 29/10/1963) intqal: “Il-kontributorjeta ghar-responsabilita’ ghal danni kawzati f’ incident stradali trid tohrog mir-responsabilita’ tal-parti ghal dak l-incident stess, u ma tistax tigi bazata fuq il-fatt li d-danni kienu ikbar minn dawk li kienu altrimenti jkunu minhabba xi agir ta’ dik il-parti, bhal sewqan eccessiv”. Illi fl-istess kawza il-Qorti ikkonkludiet:

“Il-Qorti. ma tarax konnessjoni bejn il-possibbli htija tal-konvenut, konsistenti f’ velocita’ eccessiva, u d-danni sofferti mill-attur, la darba dina l-velocita’ ma kkontribwitx ghall-incident, dina l-konnessjoni tezisti biss in vista tal-htija ta’ l-attur stess, b’mod li, jekk il-konvenut ikollu jbati xi parti mid-danni, ikun bati ghall-htija mputabbli lill-attur, u dan m’ghandux isir. Kien ikun ghal kollox differenti l-kaz kieku l-konvenut ikkontribwixxa biex jigri l-incident … Hija r-responsabilita’ ta’ l-incident li ghandha tiddetermina r-responsabilita’ tad-danni derivanti mill-istess incident.”.

Fil-fatt fil-kawza Stanley vs. Zahra (PA 23/3/1993) gie dikjarat: “Gie kostantement ritenut illi velocita’ eccessiva tista’ tesponi lis-sewwieq ghal proceduri kriminali, in civilibus tali velocita’ ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabbilita’ ta’ l-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit illi l-velocita’ eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista titqies il-kawza prossima ta’ l-incident.”

Illi l-arbitru mhux konvint li l-velocita' ta' Darmanin kienet element determinanti li pprovoka l-incident.

Illi l-versjonijiet li taw l-partijiet lil wardens huma differenti mill-versjonijiet li taw waqt l-arbitragg.

Illi skond il-highway code:

"In general, there are no rights of way at roundabouts and the "first come first served rule" applies. However, in the case of two vehicles negotiating the same section of the roundabout simultaneously, priority should be accorded to the vehicle on the right. (In other words, other things being equal, traffic entering the roundabout should give way to traffic already on the roundabout, and traffic on the roundabout should give way to traffic leaving the roundabout".)

Illi l-kawza prossima tal-incident kienet li Grima Enriquez naqset li tassikura li tista' tibqa' hierga minghajr ma tostakola l-vetturi fuq il-lemin taghha. Grima Enriquez tghid li waqfet fuq stop sign. Illi l-obbligu taghha kien li tassikura li tista' tohrog minghajr ma tostakola vetturi fuq il-lemin taghha. Illi meta tkelmet mal-wardens ezatt wara l-habta ma qalitx li waqfet fuq l-istop u vverifikat jekk kienux gejjin vetturi.

Id-danni jidhru ragjonevoli, gew esebiti l-ircevuti li ma gewx kontestati.

Ghalhekk l-arbitru jikkonkludi li Naomi Grima Enriquez kienet unikament risponsabbli ghal incident u ghandha thallas Lm1075.80 lil GasanMamo Insurance Ltd. u Lm100 lil Emanuel Darmanin. Bl-ispejjes."

Minn din is-sentenza ta' l-Arbitru appellat Naomi Grima Enriquez. Hi tirpoza l-aggravju taghha fuq l-assunt illi, fil-fehma taghha, ir-regolament tal-Highway Code, citat mill-Arbitru gie applikat erronjament ghall-mertu tal-kaz. Dan ghaliex, skond hi, mill-provi prodotti rrizulta li z-zewg vetturi ma kienux qed jintercettaw ir-*roundabout* fl-istess

hin. Barra minn dan, issostni wkoll illi hija wkoll zbaljata l-interpretazzjoni ta' l-Arbtiru dwar il-velocita` li biha kien qed isuq il-konducent l-iehor;

Bla dubju, l-ewwel aspett li din il-Qorti jkollha tikkonsidra hu dak sottomess lilha mis-socjeta` assiguratrici appellata fir-risposta taghha, u cjoe li l-appell ma huwiex ammissibbli skond il-ligi billi ma kien jikkontjeni ebda "punt ta' ligi", kif hekk jiddetta l-Artikolu 70A tal-Kapitolu 389, imma merament censura ta' l-apprezzament tal-fatti li taw lok ghall-incident awtomobilistiku u kritika tal-lodo ta' l-Arbitru fuq min miz-zewg konducenti kellu jigi ritenut fi htija ghalih;

Minn dan jitnissel illi biex ikun hemm lok ta' appell mil-lodo ta' l-Arbitru jrid jirrizulta li dan ikun fondat fuq "punt ta' ligi". Hu infatti provvediment car ta' l-Att II ta' l-1996 dwar l-Arbitragg illi "parti fil-procediment ta' l-arbitragg tista' tappella lill-Qorti ta' l-Appell fuq punt ta' ligi li jitnissel minn decizjoni finali …" [Artikolu 70A (1)]. Mhux hekk biss pero`. Jinkombi wkoll fuq min jappella taht dan l-artikolu illi "jidentifika l-punt ta' ligi li ghandha tittiehed decizjoni fuqu u ghandu jispecifika t-tifsira li r-rikorrenti jallega li hi t-tifsura korretta tal-punt ta' ligi identifikat" [Artikolu 70B (1)];

Din il-Qorti, kif presjeduta, gja kellha okkazjoni, sa ricentement hafna, illi tesprima l-fehmiet taghha fuq dawn iz-zewg provvedimenti tal-ligi u mhux il-kaz li toqghod terga tirrepitihom. Tibbasta s-semplici riferenza ghall-konsiderazzjonijiet zvolti fihom, senjatament in re "**Stanley Spiteri -vs- Eileen Bonett**" u "**Mario Galea Testaferrata *et* -vs- Kummissarju ta' l-Artijiet**", it-tnejn decizi fl-4 ta' Ottubru 2006;

Jista' forsi jigu mizjuda dawn l-osservazzjonijiet agguntivi kaptati minn certa gurisprudenza dwar ligijiet ohra li similment bhal f' dan il-kaz jikkoncedu dritt ta' appell fuq punt ta' ligi biss;

1. “Is-semplici applikazzjoni tal-ligi ghall-fattijiet tal-kawza ma tikkostitwix dak il-punt ta’ dritt li trid il-ligi. Hemm bzonn li tkun involuta kwestjoni ta’ dritt illi l-Qorti t’Isfel, fissati l-fatti, tkun ikkunsidrat l-aspetti guridici ta’ din il-kwestjoni bhala principju legali u ppronunzjat ruhha dwar dik il-kwestjoni hekk kunsidrata; altrimenti kwalunkwe sentenza tkun appellabbli, ghaliex f’ kull sentenza hemm l-applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti” - “**Francesco Borg -vs- Carmelo Sultana**”, Appell Inferjuri, 30 ta’ April 1938 (**Kollez. Vol. XXX P I p 936**);

2. “Jekk Tribunal ikun sempliciment enuncja d-disposizzjoni tal-lig ma hemmx punt ta’ dritt li dwaru jista’ jsir appell. Jekk pero` t-Tribunal ikun skorrettement enuncja l-principju tal-ligi u mbaghad jaqta’ dik il-kwestjoni ta’ fatt in bazi ghal dik l-enuncjazzjoni zbaljata allura jkun hemm sostanzjalment kwestjoni ta’ dritt u l-appell jista’ jsir, u l-Qorti ta' l-Appell tista’ tirrevedi dak l-apprezzament ta’ fatt maghmul in bazi ghall-ipotesi skorretta tal-ligi” - “**Nikola Mallia -vs- Nikola Borg**”, Appell Civili, 20 ta’ Marzu 1953 (**Kollez. Vol. XXXVII P I p 126**);

Premessi dak statwit f’ dawn iz-zewg sentenzi, l-aggravju ta’ l-appellanti dwar il-punt ta’ ligi hu minnha koncepit fis-sens illi l-fatti attendibbli ma kienux jirrientraw fil-parametru tar-regolament tal-Highway Code citat mill-Arbitru. Dan ghaliex, skond hi, iz-zewg vetturi ma kienux qed jimmanuvraw mar-*roundabout* simultanjament u b’ hekk allura r-regolament ghandu jitqies inapplikabbli. Fl-istess waqt li tafferma dan, tonqos imbaghad milli tidentifika l-punt ta’ ligi li ghandha tittiehed decizjoni fuqu tant li ticcirkoskrivi l-appell taghha ghall-impunjattiva ta’ l-apprezzament tal-fatti li ghamel l-Arbitru, u xejn aktar minn dan;

Issa fuq l-ezami taghha tas-sentenza attakkata din il-Qorti tirrileva illi l-Arbitru ghamel apprezzament ta’ x’ kienu l-elementi fattwali li wassluh ghall-konvinciment li l-appellanti kienet fi htija. Materja din kjarament wahda ta’

fatt u fiha nnifsha ma kienetx timporta ebda punt ta’ ligi. Lanqas ma jista’ jinghad illi fl-applikazzjoni tar-regolament specifiku tal-Highway Code l-Arbitru ghamel xi enuncjazzjoni errata tieghu. L-apprezzament kien u baqa’ wiehed ghal kollox fattwali tal-provi prodotti. L-allegazzjoni invece ta’ l-appellanti hi dik generika li l-izball tal-punt ta’ ligi jissussisti fir-rispett ta’ l-elementi ta’ fatt kif sottomessi minnha. Dan l-argument ma jekwivalix ghal dak li rritjeniet l-Qorti ta' l-Appell fis-silta mis-sentenza in re “**Mallia -vs- Borg**” fuq riferenzjata. Pjuttost, kif taraha din il-Qorti, l-argument kollu ta’ l-appellanti huwa semplici pretest biex jintroduci “punt ta’ ligi” fejn dan ma jezistix. L-appellanti ma kellhiex tippretendi li l-Arbitru jiehu bhala vangelu r-rizultanzi probatorji sottomessi minnha. Impostazzjoni bhal din hi wahda kompletament zbaljata u rragonevoli, u ma taghtix lok ghall-appell “fuq punt ta’ ligi”;

Mhux il-kaz allura, in vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula, illi din il-Qorti tinoltra ruhha fuq il-merti ta’ l-aggravji l-ohra, esklussivament ta’ fatt, u ser tghaddi biex takkolji l-pregudizzjali tas-socjeta` appellata lilha sottomessa.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti bl-akkoljiment tal-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` appellata tirrespingi l-appell lilha devolut, bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------